MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 516/1994/3

**Mary Anne xebba Stretton**

**vs**

**Joseph Camilleri f'ismu proprju u bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Tropicana Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attrici wara li ppremettiet :-

Illi l-attrici kienet involuta f'incident li sehh fid-19 ta' Awwissu 1993 ghas-1.00 p.m. waqt li kienet fuq ix-xoghol fil-Hotel Tropicana, f'Paceville, San Giljan, meta hija waqghet minn trap door;

Illi b'rizultat dirett tal-istess incident l-attrici sofriet danni konsistenti primarjament mil-lezjonijiet u debilita personali

ta' natura gravi u permanenti minn spejjez ta' kura u medicinali; u minn telf ta' qliegh mix-xoghol;

U illi l-konvenut proprio et nomine huwa unikament responsabbli ghall-incident ilmentata stante li bl-aktar mod traskurat u negligenti huwa naqas kif kien obbigat, li jaghmel avvizi adegwati li bihom jindika l-prezenza tal-istess trap door kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

U li ghalkemm l-attrici sejhet diversi drabi lill-konvenut proprio et nomine sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-eventwali hlas tad-danni lilha kkagunati huwa baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut proprio et nomine ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut proprio et nomine huwa unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attrici fid-19 ta' Awwissu 1993 waqt li hija kienet fuq ix-xoghol fil-Hotel Tropicana, f'Paceville, San Giljan, meta hija waqghet minn trap door;

2. tiddikjara li b'rizultat dirett tal-imsemmi incident l-attrici sofriet danni konsistenti primarjament mill-lezzjonijiet u debilita personali ta' natura gravi u permanenti; minn sepejjez ta' kura u medicinali; u minn telf ta' qliegh mix-xoghol;

3. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici occorendo permezz ta' periti nominandi; u

4. tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 1993 u tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Ottubru 1993 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imksemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali kontra l-konvenut proprio et nomine li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bi-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nominee fejn gie eccepit :-

1. Illi fl-ewwel lok, hemm lok ghall-korrezzjoni fl-atti pprezentati mill-attrici billi isem l-istess attrici ma jirrizultax b'mod car;

2. Illi fil-meritu l-eccipjent ma kienx responsabbli ghal jew xi mod ikkontribwixxa lejn l-incident tad-19 ta' Awwissu 1993 illi fih allegatament korriet l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut propio et nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tas-27 ta’ Novembru 1995 li bih Dr. Lawrence Zrinzo gie nominat bhala espert mediku bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli espert mediku debitament konfermat bilp-gurament;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Mejju 1996 li bih gew nominate bhala periti perizjuri t-tobba Mr. Antoine Zrinzo, Mr. John Pace Balzan u Dr. Joseph Pisani bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-periti perizjuri debitament konfermat bil-gurament;

Rat il-verbal tal-access mizmum fit-12 ta’ Novembru 2001;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet diferita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atrici tippremetti li kienet involuta f'incident li sehh fid-19 ta' Awwissu 1993 ghas-1.00 p.m. waqt li kienet fuq xoghol fil-Hotel Tropicana, f'Paceville, San Giljan.L-attrici tallega li waqghet minn “trap door.” L-attrici tallega li bhala rizultat ta’ dan l-incident hi sofriet danni.L-attrici tippretendi li l-konvenut propio et nomine hu responsabbli ghall-imsemmi incident. Ghalhekk l-attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut propio et nominee hu unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u li jigi dikjarat li b'rizultat dirett tal-imsemmi incident hi sofriet danni konsistenti primarjament mill-lezzjonijiet u debilita personali ta' natura gravi u permanenti; minn sepejjez ta' kura u medicinali; u minn telf ta' qliegh mix-xoghol. L-attrici qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni kollha u lli l-konvenut propio et nomine jigi kundnnat ihallas dik is-somma hekk likwidata;

Il-konvenut propio et nomine qed jeccepixxi li isem l-istess attrici ma jirrizultax b'mod car u fil-meritu li huwa mhux responsabbli ghall-incident in kestjoni u lanqas b’xi mod ikkontribwixxa lejn l-istess incident li fih allegatament korriet l-attrici;

Ghalhekk l-attrici qed tallega li fid-19 ta' Awwissu 1993 ghal habta tas-siegha ta’ wara nofs in-nhar waqt li kienet fuq xoghol fil-Hotel Tropicana, f'Paceville, San Giljan, hija waqghet minn trap door ghal gewwa l-kantina. Mill-provi jirrizulta li dak in-nhar ta’ l-incident l-attrici kienet qed tiehu hsieb bejn 12 u 14 il-turist li kienu klijenti taghha. Jirrizulta li impjegati tal-lukanda in kwestjoni indikaw lill-attrici fejn fil-lukanda l-istess attrici setghet taghmel il-laqgha ghall-imsemmija turisti klijenti taghha u appuntu gie indikat il-pot fejn eventwament sehh l-incident in kwestjoni;

Il-konvenut jghid li hu kien presenti fil-hin tal-incident u kkonferma li l-istess incident sehh meta l-attrici bdiet tigbed mejda, u waqt li kienet qed tigbed il-mejda b'saqajha hija imbuttat siggu. Is-siggu wehel mal-hadid ta' din it-toqba u hija tfixklet u waqghet fl-istess hofra.  Fil-fatt tfixklet fis-siggu peress li s-siggu ssikka mal-hadid;

Il-konvenut kompla jixhed li kienet l-attrici li ghazlet il-post fejn izzomm il-laqgha taghha, kif ukoll li kienet hija stess li mexxiet l-imwejjed lejn l-entratura tas-shaft. Il-konvenut qal ukoll li l-attrici kienet taf dwar il-fetha u qal li dakinhar ta' l-incident huwa stess wissa lill-attrici dwar din il-fetha. Finalment ill-konvenut iddikjara, pero', li huwa ma rax l-incident isehh ghaliex hu kien qieghed gewwa fir-reception fil-mument ta' l-istess incident;

In effett jirrizullta li fil-lok fejn gara l-incident hemm terrazzin u mal-art fl-istess terrazzin hemm granit iswed ileqq u hemm planki li jinqalghu mizbughin suwed ukoll. Fuq dawn il-planek generalment ipoggu l-imwejjed u meta jkun hemm bzonn jinqalghu l-imsemmija planek sabiex jiddahhlu l-affarijiet fil-kantina. Sabiex dan isir hemm bzonn ukoll li jitmexxew l-imwejjed;

Jirrizulta mill-provi ukoll li fil-hin ta' l-incident ma kienx hemm protezzjoni, fis-sens li ma hemmx railing, habel jew sinjali biex jindikaw fejn hemm it-toqba in kwestjoni. Jirrizulta ukoll li s-sitwazzjoni aggravat ruhha peress li bit-tlelix tax-xemx l-art tigi tleqq hafna u it-toqba ma tidhirx. Din it-toqba hi pjuttost zghira u inoltre t-tarag tal-kantina hu maghmul ukoll mill-istess granit skur u allura hu aktar difficli li ssir distinzjoni. Jirrizulta ukoll li saru xi lmenti minn varji turisti dwar il-fetha in kwestjoni;

L-attrici xehdet li hija ma setghetx tara d-differenza bejn is-shaft u l-art. Xehdet ukoll li ma kenitx infurmata dwar dan is-shaft. Lanqas it-turisti li kienu prezenti maghha ghal l-imsemmija laqgha ma kienu infurmati dwar l-esistenza tal-istess shaft. Il-hitan gewwa il-kantina huma suwed ukoll u ma hemmx barriera jew xi lqugh li jista jindika li hemm din it-toqba;

Minn dan kollu, fl-opinjoni tal-Qorti, jirrizulta b'mod pjuttost nett li l-kawza ta' l-incident kienet in-nuqqas ta' protezzjoni u indikazzjoni ghar-rigward tat-toqba in kwestjoni u inoltre l-kulur skur ta' l-art li jaghmilha difficli biex wiehed jiddistingwi bejn l-art u t-toqba;

F’dan ir-rigward jirrizulta li l-verzjoni ta’ l-attrici hija aktar verosimili u kredibbli mill-verzjoni li joffri l-konvenut. Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attrici ma kinitx taf bl-esistenza tat-trap door in kwestjoni. Inoltre l-attrici ippruvat b’mod sufficjenti u sodisfacenti l-mod kif sehh l-incident. In vista ta’ dak kollu li gie premess kwindi tirrizulta r-responsabbilta tal-konvenut ghar-rigward ta’ dan l-incident. Jirrizulta li l-konvenut naqas milli jaghmel avvizi adegwati li bihom jindika l-prezenza tal-istess trap door;

L-attrici tallega li hija soffriet danni konsistenti primarjament mill-lezjonijiet u debilita personali ta’ natura gravi u permanenti. L-espert mediku nominat ikkonkluda li l-percentwali ta' disabilita' permanenti ragonevoli li sofriet l-attrici hi tal-hmistax fil-mija (15%). Minn naha l-ohra l-periti addizzjonali kkonkludew illi l-attrici soffriet dizabilita’ ta’ ghaxra fil-mija (10%);

Jirrizulta mill-provi li fiz-zmien ta’ l-incident, l-attrici kienet tahdem ma’ ditta lokali bhala rapprezentanta (courier). Jirrizulta ukoll li l-attrici ma tilfitx l-impjieg taghha bhala konsegwenza tal-incident de quo. F’dan ir-rigward jista jinghad li gie ritenut fil-kawza “Maria Debono vs Andrew Vaswani” (citazzjoni numru  48/1994/1) li “il-fatt li sa issa ghadha mpjegata bhal qabel ma ghandux inaqqas mid-dritt taghha ghal kumpens ghaliex il-menomazzjoni li ghandha ghad tfixkilha fl-impjieg taghha u ma tista’ qatt tkun au pair ma’ impjegati ohra fl-istess kategorija. Din il-menomazzjoni tincidi b’mod rilevanti fuq il-patrimonju taghha.” Hekk ukoll fil-kawza “Carmelo Galea vs Albert Mizzi et nomine” (Appell - 23 ta’ April 2001) intqal - “Il-Qorti kellha necessarjament tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-dannaggjat bhala rizultat dirett ta’ l-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorativa tieghu. <u>Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f’kull attivita` ohra lavorativa ghalih miftuha.”;</u>

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-lucrum cessans ghandu jigi komputat billi tittiehed bhala paga bazi s-somma ta' Lm5000 u dana in vista tal-paga li kienet qed iddahhal l-attrici tenut kont ukoll ta' eventwali awmenti futuri. Ghandu jigi konsidrat multiplier ta' 25 sena u dan in vista tal-eta' tal-attrici fil-hin tal-incident. Ghandu ukoll jigi kalkulat il-persentagg tad-disabilita' li skond l-periti addizzjonli sofriet l-attrici u cioe' l-ghaxra fil-mija (10%). Ghalhekk Lm5000 X 25 X 10% = Lm12500. Peress li l-hlas ser isir f'somma wahda ghandu jitnaqqas ulterjorment l-10% u ghalhekk jifdal is-somma ta' Lm11250;

Jirrizulta inoltre li l-attrici minhabba l-incident in kwestjoni ghamlet periodu ta' circa sitt xhur ma taqlax kummissjonijiet fuq il-bejgh ta tours lit-turisti. Konsidrat li dan il-periodu kien l-ahjar periodu ghal dan it-tip ta bejgh u konsidrat ukoll il-kummissjonijiet li kienet iddahhal l-attrici fi snin precedenti qed jigi kalkolat arbitrio boni viri li ghar-rigward tal-imsemmi periodu l-attrici tilfet is-somma ta' mitejn lira maltija (Lm200). Inoltre jirrizulta li l-attrici hallset spejjez medici li jammontaw ghas-somma kmplessiva ta tnejn u hamsin liri maltin (Lm52);

In vista tal-premess id-danni kollha sofferti mill-attrici jammontaw ghas-somma komplessiva ta' hdax il-elf hames mija u zewg liri maltin (Lm11502) u coe' Lm11250 + Lm200 + Lm52;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha :-

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut proprio et nomine huwa unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attrici fid-19 ta' Awwissu 1993 waqt li hija kienet fuq xoghol fil-Hotel Tropicana, f'Paceville, San Giljan, meta hija waqghet minn trap door; tiddikjara li b'rizultat dirett tal-imsemmi incident l-attrici sofriet danni konsistenti primarjament mill-lezzjonijiet u debilita personali ta' natura gravi u permanenti; minn sepejjez ta' kura u medicinali; u minn telf ta' qliegh mix-xoghol u tillikwida dawn id-danni kollha fis-somma komplessiva ta' hdax il-elf hames mija u zewg liri maltin (Lm11502) u tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lill-

attrici l-istess somma ta’ Lm11502 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-setenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjz kollha kontra l-konvenut propio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------